

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

DEĊIŻJONI Nru 455/2009/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Mejju 2009

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE rigward ir-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq u l-użu tad-diklorometan

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Ir-riskji li jinħolqu għas-saħħa tal-bniedem mid-diklorometan (DCM) fi prodotti għat-tqaxxir taż-żeġgħa ġew evalwati f'diversi studji ⁽³⁾ li kkonkludew li jinħtieġu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju madwar il-Komunità Ewropea kollha biex jitnaqqsu r-riskji li jinħolqu għas-saħħa tal-bniedem waqt l-applikazzjoni tad-DCM fil-livelli industrijali, professjonali u tal-konsumatur. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji ġew evalwati mill-Kumitat Xjentifiku tal-Kummissjoni dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (CSTEE – aktar tard imsejjaħ il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent (SCHER)) li kkonferma li l-esponiment għad-DCM minn prodotti għat-tqaxxir taż-żeġgħa huwa ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem.

- (2) Bl-għan li jinkiseb livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa għall-kategoriji kollha ta' użu (industrijali, professjonali u mill-pubbliku ġenerali), it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għat-tqaxxir taż-żeġgħa li fihom id-DCM għandhom ikunu ristretti.

- (3) Il-prodotti għat-tqaxxir taż-żeġgħa li fihom id-DCM jintużaw minn membri tal-pubbliku ġenerali fid-dar biex ineħħu ż-żeġgħa, il-verniċ u l-laker, kemm ġewwa kif ukoll barra. L-użu sikur tad-DCM minnhom ma jistax ikun żgurat permezz ta' taħriġ jew monitoraġġ. Għaldaqstant, l-unika miżura effettiva biex ikunu eliminati r-riskji li jirriżultaw għall-pubbliku ġenerali minn prodotti għat-tqaxxir taż-żeġgħa li fihom id-DCM hija projbizzjoni, fir-rigward tal-pubbliku ġenerali, fuq il-forniment u l-użu ta' dawn il-prodotti għat-tqaxxir taż-żeġgħa.

- (4) Bl-għan li tiġi żgurata l-infurzabbiltà proporzjonata tal-abolizzjoni tul il-katina tal-provvista ta' prodotti għat-tqaxxir taż-żeġgħa li fihom id-DCM, għandhom jiġu stabbiliti dati differenti għall-projbizzjoni tal-ewwel tqegħid fis-suq u l-provvista aħharja lill-pubbliku ġenerali u lill-professionisti.

- (5) Peress li pubbliku ġenerali jista', minkejja l-projbizzjoni, jkollu aċċess għal prodotti għat-tqaxxir taż-żeġgħa li fihom id-DCM minkejja l-projbizzjoni permezz tal-katina ta' distribuzzjoni għal utenti industrijali u professjonali, għandha tiġi inkluża frażi ta' twissija fuq il-prodott.

- (6) L-imwiet irreġistrati fl-Ewropa għal użi industrijali u professjonali matul l-aħħar 18-il sena huma attribwiti prinċipalment għal ventilazzjoni mhux adegwata, tagħmir protettiv personali mhux xieraq, l-użu ta' tankijiet mhux adegwati u l-esponiment fit-tul għad-DCM. Għaldaqstant għandhom jiġu imposti restrizzjonijiet biex ikunu kkontrollati u mnaqqsa r-riskji involuti fl-użi industrijali u professjonali.

- (7) Il-professionisti ġeneralment ikunu koperti mil-leġiżlazzjoni għall-ħarsien tal-ħaddiema. Madankollu, bosta attivitajiet professjonali ħafna drabi jsiru fl-istabbilimenti tal-klijenti li spiss ma jkollhomx il-miżuri kollha xierqa għall-ġestjoni, il-kontroll u t-tnaqqis tar-riskji għas-saħħa. Barra minn hekk, il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-ħaddiema Komunitarji u huma jkunu jeħtieġu taħriġ adegwat qabel ma jqaxxu ż-żeġgħa bl-użu ta' prodotti għat-tqaxxir taż-żeġgħa li fihom id-DCM.

⁽¹⁾ ĠU C 77, 31.3.2009, p. 29.

⁽²⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2009 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009.

⁽³⁾ Klorur tal-metilin: Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' restrizzjonijiet possibbli fis-suq fl-UE. Studju TNO-STB ffinalizzat f'Novembru 1999, http://ec.europa.eu/enterprise/chemicals/studies_en.htm; L-effikaċja ta' retardanti tal-fwar fit-tnaqqis tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem minn prodotti għat-tqaxxir taż-żeġgħa li fihom id-dichloromethane mill-grupp ta' esperti ETVREAD. Rapport finali ppubblikat f'April 2004, http://ec.europa.eu/enterprise/chemicals/studies_en.htm; Evalwazzjoni tal-impatt ta' restrizzjonijiet potenzjali fuq it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dichloromethane fi prodotti għat-tqaxxir taż-żeġgħa. Studju RPA ffinalizzat f'April 2007, http://ec.europa.eu/enterprise/chemicals/studies_en.htm

- (8) It-tqegħid fis-suq ta' prodotti għat-tqaxxir taż-żeġħa li fihom id-DCM u l-użu tagħhom minn professjonisti għandu għalhekk jiġi pprojbit biex tkun imħarsa saħħithom u jitnaqqas l-għadd ta' mwiet u inċidenti mhux fatali. Madankollu, meta s-sostituzzjoni tad-DCM titqies partikolarment diffiċli jew mhux xierqa, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jippermettu l-użu ulterjuri ta' DCM minn professjonisti approvati. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-għoti u l-monitoraġġ ta' deroga bħal din li għandha tkun ibbażata fuq taħriġ obbligatorju b'rekwiżiti speċifiċi. Madankollu, min iħaddem u min jaħdem għal rasu għandu preferibbilment jevita l-użu tad-DCM billi jissostitwih b'aġent jew proċess kimiku li, skont il-kundizzjoni tal-użu tiegħu, mhuwiex perikoluż, jew huwa inqas perikoluż, għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.
- (9) L-għadd ta' mwiet u inċidenti mhux fatali rreġistrati matul attivitajiet industrijali huma indikazzjoni ta' konformità mhux adegwata tal-leġiżlazzjoni dwar il-post tax-xogħol applikabbli għal ħaddiema li jużaw id-DCM. L-esponiment għad-DCM għadu għoli u għandhom japplikaw aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għal ħaddiema finstallazzjonijiet industrijali. Sabiex jiġi minimizzat l-esponiment u sabiex tiġi assigurata l-konformità, meta jkun teknikament possibbli, mal-limiti rilevanti ta' esponiment fuq ix-xogħol, għandhom jiġu adottati miżuri ta' prevenzjoni, bħalma huma ventilazzjoni effettiva fuq il-post tax-xogħol, miżuri biex jimminimizzaw l-evaporazzjoni tad-DCM minn tankijiet għat-tqaxxir, tagħmir protettiv personali xieraq u informazzjoni u taħriġ xieraq.
- (10) It-tagħmir protettiv personali għandu jikkonforma mad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv ⁽¹⁾.
- (11) Għaldaqstant, id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ⁽²⁾ għandha tiġi emendata skont dan.

- (12) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr ħsara għal-leġiżlazzjoni Komunitarja li tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-ħarsien tal-ħaddiema, bħad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex iħeġġu t-titjib tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ⁽³⁾, u d-Direttivi individwali bbażati fuqha, b'mod partikolari d-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħarsien tal-ħaddiema mir-riskji marbuta mal-esponiment għal-karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Is-sitt Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (verżjoni kodifikata) ⁽⁴⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-ħarsien tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema mir-riskji marbuta ma' aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ⁽⁵⁾,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE qed ikun b'dan emendat b'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, 6 ta' Mejju 2009.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill

Il-President

J. KOHOUT

⁽¹⁾ ĠU L 399, 30.12.1989, p. 18.

⁽²⁾ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201.

⁽³⁾ ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50.

⁽⁵⁾ ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.

ANNEX

Fl-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE għandha tizzied l-entrata li ġejja:

“(58) Id-Diklorometan Nru CAS: 75-09-2 Nru EINECS: 200-838-9	(1) Prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li fihom diklorometan f'konċentrazzjoni daqs jew akbar minn 0,1 % bil-piż ma għandhomx: (a) jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba għall-provvista lill-pubbliku ġenerali jew lill-professjonisti wara is-6 ta' Diċembru 2010; (b) jitqiegħdu fis-suq għall-provvista lill-pubbliku ġenerali jew lill-professjonisti wara is-6 ta' Diċembru 2011; (c) jintużaw minn professjonisti wara is-6 ta' Ġunju 2012. Għall-iskopijiet ta' din l-entrata: (i) 'professjonist' tfisser persuna naturali jew legali, inklużi ħaddiema u ħaddiema li jaħdmu għal rashom, li fl-attività professjonali tagħhom jagħmlu xogħol ta' tqaxxir ta' żebgħa li ma jsirx fi stabbiliment industrijali. (ii) 'stallazzjoni industrijali' tfisser faċilità li tintuża għall-attivitàjiet ta' tqaxxir taż-żebgħa. (2) Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu fuq it-territorji tagħhom, u għal ċerti attivitàjiet, l-użu minn professjonisti mħarrġa apposta ta' prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li fihom id-diklorometan u jistgħu jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa biex jiġu pprovduti lil dawn il-professjonisti. L-Istati Membri li jagħmlu użu minn din id-deroga għandhom jiddefinixxu miżuri xierqa għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza ta' dawk il-professjonisti li jużaw prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li jkun fihom id-diklorometan u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwarhom. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu r-rekwiżit li professjonist ikollu ċertifikat li jkun aċċettat minn Stat Membru fejn jaħdem dak il-professjonist, jew jipprovi provi dokumentati oħrajn li jixhdu dan, jew li jkollu l-approvazzjoni b'xi mod ieħor mill-Istat Membru, hekk li jkun jista' juri t-taħriġ u l-kompetenza sabiex juża b'mod sigur prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li jkun fihom id-diklorometan Il-Kummissjoni għandha tipprepara lista tal-Istati Membri li għamlu użu minn din id-deroga f'dan il-paragrafu u jqegħduha għad-dispożizzjoni pubblika fuq l-Internet. (3) Professjonist li jibbenefika mid-deroga li jirreferi għaliha l-paragrafu 2, għandu jopera biss fl-Istati Membri li għamlu użu minn din id-deroga It-taħriġ li jirreferi għalih l-paragrafu 2 bħala minimu għandu jkopri: (a) l-għarfien, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji għas-saħħa, inklużia informazzjoni dwar alternattivi jew proċessi eżistenti li skont il-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom huma ta' anqas periklu għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; (b) l-użu ta' ventilazzjoni adegwata; (c) l-użu ta' tagħmir protettiv personali xieraq. Dan it-tagħmir protettiv personali għandu jikkonforma mad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE Min iħaddem u min jaħdem għal rasu għandu preferibilmment jissostitwixxi id-diklorometan b'aġent jew proċess kimiku li, skont il-kundizzjoni tal-użu tiegħu, mhuwiex perikoluż, jew huwa inqas perikoluż, għas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema. Il-professjonisti għandhom japplikaw kull miżura applikabbli inkluż l-użu ta' tagħmir protettiv personali. (4) Bla ħsara għal leġiżlazzjoni oħra tal-protezzjoni tal-ħaddiema tal-Komunità, prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li fihom diklorometan f'konċentrazzjonijiet daqs jew akbar minn 0.1 % bil-piż jistgħu biss jintużaw fi stallazzjonijiet industrijali jekk, bħala minimu, jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:
---	---

- (a) ventilazzjoni effettiva fl-oqsma ta' pproċessar kollha, b'mod partikulari għall-ipproċessar bit-tixrib u t-tnixxif ta' oġġetti mqaxxa; ventilazzjoni lokali tal-exhaust għat-tanlikiet tat-tqaxxir supplimentata minn ventilazzjoni forzata f'dawn iż-żoni sabiex jimminimizzaw l-esponiment u biex jassiguraw il-konformità, fejn ikun teknikament possibbli, mal-limiti ta' esponiment relevant fuq ix-xogħol;
 - (b) miżuri biex tiġi minimizzata l-evaporazzjoni minn tankijiet għat-tqaxxir, li jinkludu: għotjen biex jgħattu tankijiet għat-tqaxxir ħlief waqt il-ġarr u l-ħatt; arranġamenti għall-ħatt u l-ġarr ta' tankijiet għat-tqaxxir; u tankijiet għal-ħasil bl-ilma jew b'ilma mielaħ biex jitneħħa s-solvent wara l-ħatt;
 - (c) miżuri biex jiġi mmaniġġjat b'mod sigur id-diklorometan f'tankijiet għat-tqaxxir li jinkludu: pompi u sistema ta' pajpijiet biex jittrasferixxu prodotti għat-tqaxxir taż-żebugħa mit-tankijiet u għal ġo fihom; u arranġamenti xierqa biex jitnaddfu t-tankijiet u jitneħħa l-iskart likwidu;
 - (d) tagħmir protettiv personali li jikkonforma mad-Direttiva u jkun jinkludi: ingwanti xierqa ta' protezzjoni, goggles ta' sikurezza u ilbies protettiv; kif ukoll tagħmir ta' respirazzjoni adwegat protettiv għal fejn konformità mal-limiti relevanti ta' esponiment fuq ix-xogħol ma tkunx jista' tinkiseb b'xi mod ieħor;
 - (e) informazzjoni adegwata, tagħlim u taħriġ għall-operaturi fl-użu ta' dan it-tagħmir.
- (5) Mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet Komunitarji oħra li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet, sas-6 ta' Diċembru 2011 il-prodotti għat-tqaxxir taż-żebugħa li fihom konċentrazzjoni ta' diklorometan daqs jew akbar minn 0,1 % bil-piż għandhom jiġu mmarkati b'mod leġġibbli u li ma jitħassarx kif ġej:
- 'Ristrett għall-użu industrijali u għall-professjonisti approvati f'ċerti Stati Membri tal-UE - ivverifika fejn jista' jintuża.'